Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44– L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

44.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**44.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

44.3.1 Is-Sindku rrefera għall-parteċipazzjoni fil-proġett "Naqsam il-Muża". Għal dan il-proġett intagħżlu artisti minn Għajnsielem. Dawn iltaqgħu f'laqgħa li saret apposta u lkoll għażlu biċċa pittura u riedu jiddiskutuha. Dawn il-pitturi issa ser jitwaħħlu fuq *boards* u jitwaħħlu fil-post li xtaq l-parteċipant wara l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva d-deċiżżjonijiet tal-artisti li l-pitturi jeħlu fil-librerija, fil-Playing Field Amabile Cauchi, fl-entratura taċ-Ċentru Parrokkjali u fl-Entratura tal-iskola primarja.

44.3.2 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħa tas-Sindki Ghawdex u għal- proġett "Sort it out" fejn permezz tiegħu ser jitqassmu 4 bins lil kull residenza. Is-Sindku spjega li r-residenti ser jirċievu nota biex jiġu jiġbruhom minn ħdejn l-uffiċini tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

44.3.3 Is-Sindku rrefera għal- laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nżammet f' rigward il-*white paper.*

44.3.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamel sabiex jiltaqa' ma' uffiċjali minn Valletta 2108 rigward Bethlehem f'Għajnsielem iżda s'issa għadna ma ngħatajniex appuntament.

44.3.5 Is-Sindku rrefera għall-possibilita' li f'Marzu 2019 tiġi organizzata maratona tal-giri li titlaq minn Għajnsielem u li għaliha jista jkun hemm mat-800 atleta. Il-Kunsill qabel mal-idea u sar qbil li għandna naraw xi spejjes tikkonsiti. Din il-maratona tista tkun *annual event* u tkun għal kull eta'. Sar qbil li għandna nagħmlu laqgħa mal-organizzaturi u għandna nagħtu isem lil din il-maratona.

44.3.6 Is-Sindku rrefera għal fatt li quddiem l-Arka qed iżomm ħafna ilma. Huwa spjega kif dawn qed jitolbu *gutter* taħt il-bankina tagħhom peress li l-ilma tax-xita qed jintefgħa għal ġol- bankina tagħhom. Sar qbil li għandna naraw kif nistgħu nsolvulhom l-problema. Sar qbil li għandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru permezz tas-sistema.

44.3.7 Is-Sindku Franco Ciuangura rrefera għad-dewmien li qed jieħdu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex ilestu l-pavimentar tal-Belvedere ta' Triq Hamri. Huwa spjega kif ilhom ħames ġimghat biex jagħmlu ftit metri.

44.3.8 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li ssottomettejna għall-MOC Sports Award 2018.

44.3.9 Is-Sindku rrefera għal fatt li għada ser jitħabbar il-Premju Artiġjanat 2018 li għalih applikajna permezz tal-proġett tal-Mosaic.

44.3.10 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna lil Airmalta sabiex jagħtuna *discount* fuq il-vjaġġ tal-ajru lejn Bethlehem peress li l-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem iddeċieda li din is-sena l-maġi jinġabu minn hemm.

44.3.11 Is-Sindku rrefera għal kuntatt li kellu mingħand Simon Zammit ta' Triq Hamri. Is-Sur Zammit attenda għal-laqgħa tal-Kunsill u fisser kif ir-residenti ta' Triq Hamri ilhom isofru l-problema ta' sit ta' kostruzzjoni quddiemhom għal 17 -il sena sħaħ. Issa li l-lukanda ngħatalha l-permess biex jinbnew żewġ sulari oħra, bħala residenti qed jitolbu li jiġi armat Tower Crane fin-naħa t'isfel ta' Triq Sant'Antnin biex b'hekk ma tkun ta' nkonvenjent għal ħadd. Huma qed jitolbu lil Kunsill sabiex jinsisti u jesiġi sabiex ikollu *tower crane* u mhux juża l-*cranes* normali b'detriment li jingħalaq l-aċċess tat-triq u nkonvenjenza kbira fit-tul għar-residenti. Sar

qbil li bħala Kunsill ser niċċekkjaw dwar il-permessi ta' Tower Crane u mmexxu din it-talba billi nsosstnuha anke permezz ta' petizzjoni. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-perit u nindikawlu x'qed jinkwieta lir-residenti.

44.3.12 Is-Sindku semma kif f'*weekend* minnhom f'Bethlehem f'Għajnsielem ser jinġabu xi suldati mir-Romania. Huwa spjega kif għandna nieħdu ħsieb il-lodging fl-ITS Qala u sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex ikunu jistgħu jgħinuna sabiex nakkwistaw rati ridotti fl-akkomodazzjoni.

44.3.13 Is-Sindku Franco Ciangura irrefera għal ħajt ta' parti minn Triq il-Provigarju fejn ta' Joe Camilleri. Sar qbil li għandna naraw jistgħux jinbnew żewġ filati matul it-triq.

44.3.14 Is-Sindku lmenta għal-kuntratt tal-knis u għal fatt li mhumiex qed imorru fit-toroq kollha.

44.3.15 Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtieġa ta' *bin* fuq l-Għajn tal-Hasselin.

44.3.16 Is-Sindku rrefera għal talba mingħand Gorg Mercieca sabiex isiru double yellow lines quddiem ir-residenza tieghu fi Triq Simirat.

**44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

44.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex jerġgħu jinżebghu d-double lines li hemm fix-Xatt ħdejn il-Mina fejn Ta' Tona Restaurant.

44.4.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex jinbidlu sitt madumiet imkissra fl-entratura tal-iskola.

44.4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba dwar il-possibilita' li titneħħa s-*sleeping police* ta' Triq Hamri peress li hemm lmenti sabiex titneħħa. Sadanitant il-Kunsill ikkonferma li min talabha ma jixtieqx li titneħħa minħabba l-periklu.

44.3.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-kisra li hemm fi Triq f'Ta Lourdes li tagħti għal Triq l-Mġarr għax tiżloq ħafna. Sar qbil li ghandna nressqu dan l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex.

44.3.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa dwar meta ser jeħlu l-*heavy vehicles signs* tal-parti l-antika ta' Għajnsielem li ilhom approvati mill-Kunsill xhur. Sar qbil li għandna nwaħħluhom kemm jista jkun malajr.

44.3.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex il-*bushes* li hemm quddiem il-Gozo Press jnqalgħu għal kollox b'urgenza peress li qed ikunu ta' ostaklu għas-sewwieqa u kaġun ta' ħafna nċidenti. Huwa talab li jekk ma jsirx dan għandna noħorġu Press Release li bħala Kunsill ma aħniex responsabli.

44.3.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal xi *dumping* li hemm fi Triq il-Provigarju u talab sabiex dan ir-rapport għandna ngħadduh lill-ERA.

44.3.8 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex innadfu t-Triq taċ-Ċimiterju fl-okkażżjoni tax-xahar tal-erwieħ.

**44.5 Korrispondenza u Rapporti**

44.5.1 Ġiet trattata l-applikazzjoni għal Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018 imniedi mill-Moviment Kerygma.

44.5.2 Ġiet trattata l-proposta tal-Agreement għall-użu tal-għassa tal-Pulizija. Is-Segretarja spjegat kif dan il-kuntratt ġie rivedut u mqassar. Il-kontenut tal-kuntratt ġie diskuss fil-laqgħa u sar qbil li għandna nipproponu li nagħmlu kuntratt għal għaxar snin u jiġġedded kull għaxar snin. Sar qbil ukoll li għandna ninkludu l-klawsola li m'aħniex obligati li nsidbulhom post wara li jtemmu l-kirja. Sar qbil ukoll li għandna nikludu l-klawsola li jekk jagħmel xi tibdiliet irid jinfurmana u li ż-żebgħa jieħdu ħsiebha huma.

44.5.3 Ġiet trattata n-notifika mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward l-applikazzjoni numru PA 3351/18. Sar qbil li għandna nitolbu aktar informazzjoni dwar dan il-permess.

44.5.4 Giet trattata wkoll l-applikazzjoni tal-iżvilupp bin-numru 3931/16. Sar qbil li għandna nitolbu aktar informazzjoni dwar dan il-permess.

44.5.5 Ġiet trattata l-proposta mingħand l-Agenzija Sapport biex jimpjegaw magħna ħaddiem b'diżabilita' għal 20 siegħa fil-ġimgħa għal 5 xhur. Sar qbil li għandna noffru din il-possibilita' lil bint Teddy Saliba li ilu ħafna jistaqsina dwar xi opportunitajiet simili.

44.5.6 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Kumitat ismijiet tat-toroq biex tissemma triq ġdida fi Triq Cordina. Sar qbil li għandha tissemma Triq tal-Balzunetta. Sar qbil li ghandna niehdu parir minghand Guseppi Cauchi dwar dan.

44.5.7 Ġiet trattata l-emejl mingħand John Laver fejn ilmenta dwar il-ħtieġa li tinżabar is-siġra ta' Triq iż-Żewwieqa u xi nuqqasijiet oħra fl-inħawi. Sar qbil li għandna nirrisponduh li s-siġra għandna tinżabar u li għandna ħafna pjanijiet ta' *refurbishment* matul din l-imsemmija triq.

44.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Sarah Vella ta' Triq Cordina fejn talbet sabiex jitnaqqsu parti mid-*double yellow lines* għax qed jintilef parkeġġ permezz tagħhom. Sar qbil li jitnaqqsu metru. Sar qbil ukoll li għandna nżidu metru u nofs fejn ta' Karen Borg fi Triq Cordina.

44.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sur Pawlu Zerafa li joqgħod 20, Għajnsielem Street sabiex isirulu double yellow lines quddiem il-bieb peress li dan jintuża biex idaħħal mutur u biex idaħħal xi xkejjer. Sar qbil li għandna nressqu din t-talba.

44.5.10 Ġie trattat rapport li daħal lill-pulizija sabiex jitneħħa il-bin tal-ħġieġ minn quddiem il-kunsill peress li qed ikun ta' nkonvenjent. Il-Kunsill qabel li hemmhekk huwa post xieraq għax ċentrali u fl-istess ħin imbiegħed minn kull residenza.

44.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand Doris Marmara' sabiex tigi nstallata ATM Machine f'Ghajnsielem. Sar qbil li għandna ntennu din it-talba mal-banek lokali.

44.5.12 Ġiet trattata t-talba mingħand Rose Bugeja li toqgħod 2, Għajnsielem, Street, biex togħla ftit it-triq quddiem parti mill-bankina peress li qed iżomm l-ilma. Sar qbil li għandna naraw ftit x'hemm bżonn.

## 44.6 Proġett ta' Triq Hamri

44.6.1 Is-Segretarja rreferiet għall-Evaluation Report tal-offerta tar-Resurfacing ta' Triq Hamri kif preparat mill-Evaluation Committee li kien kompost mill-kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman, mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber bħala Segretarja, mill-Avukat Joshua Grech, mill-Perit Edward Scerri u minn William Sultana.

44.6.2 Bħala offerti għal din it-tender kien hemm tnejn; waħda mingħand Road Construction Co Ltd għal prezz ta' €159,222.34 minghajr VAT u l-oħra mingħand Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €110,860.56 mingħajr VAT. Il-Kumitat evalwa l-offerti mitfugħa u rriżulta li l-offerta għanda tingħata lil-Gatt Tarmac Ltd peress li hija l-orħos offerta u tikkwalifika r-rekwiżiti kollha mitluba.

44.6.3 Il-Kunsill qabel mar-rakkommandazzjoni tal-Bord u qabel li għandu jipproċedi bin-*notice of award*.

44.6.4 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-Enemalta kellhom pjanat li jqattgħu Triq Hamri biex jgħaddu cable għas-substation ta' Misraħ il-Fliegu fi Triq Malta. Hija semmiet li reġgħet bgħatitilhom sabiex jekk għandhom

iwettqu x-xogħol iwettquh issa biex ikun jista' jinbeda x-xogħol tar-resurfacing kemm jista jkun malajr.

44.6.5 Sar qbil li għandna nibgħatu ittra b'avukat lill-Korporazzjonijiet li sa' l-aħħar tas-sena ikunu lestew.

**44.7 Proġett ta' Triq il-Briegħen u Xatt l-Aħmar**

44.7.1 Is-Sindku spjega kif irridu nitolbu estenzjoni għall-proġett ta' Triq il-Briegħen u Triq ix-Xatt l-Ahmar preferibilment sa' l-aħħar ta' Frar 2019. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret bejn il-partijiet kollha u li fiha ħareġ li biex issir it-trinka tal-Fibre optic irid ikollna arkeologist minħabba s-Supretendenza tal-Heritage. Sadanittant sar qbil li ser nibdew il-parti ta' fejn mhemmx it-trinka sakemm inġibu l-approvazzjoni tal-Heritage.

**44.8 Proġett tat-Taraġ**

44.8.1 Is-Sindku semma li l-proġett tat-Tarag ser jinbeda dalwaqt. Huwa semma li l-kuntratur xtara xi barriers biex jkun jista jagħlaq l-area u mistenni jinbeda fil-jiem li ġejjin.

**44.9 Bethlehem f'Għajnsielem**

44.9.1 Sindku irrefera għal fatt li x-xogħol f'Ta' Passi jinsab miexi. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu li jixtieq li jara li l-għaqdiet jersqu aktar l'hemm għax hemm ħafna ħsarat u xogħol xi jsir speċjalment fuq is-soqfa tal-istalel peress li tkissru kompletament. Bħala spejjes s'issa jidhru li huma moderati u li għandna nippruvaw inżommu kollox fuq *low-budget*. Sar qbil li għandna nippruvaw ingibu r-ramel u xi materjal ieħor permess tas-sistema mill-Ministeru għal Għawdex. Sar qbil li għandna nipprovaw nikru *scaffolding* sabiex tinbena temporanjament l-attrazzjoni l-ġdida għal din is-sena, dik tal-arena.

44.9.2 Is-Sindku rrefera għal kuntatt li kellu ma' Angela Ceccarelli mill-Comune ta' Tolfa dwar ż-żjara taghhom f'Bethlehem f'Għajnsielem u wkoll sabiex nistiednu delegazzjoni minn Slovenia u l-Croatia li huma wkoll ġemellati ma' Tolfa biex iżuru Bethlehem f'Għajnsielem.

44.9.3 Sar qbil ukoll li għandna naraw kif ħa nistiednu uffiċjalment lis-Sindku ta' Bethlehem.

44.9.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa hux ħa joħroġ il-ktejjeb tat-tfal. Sar qbil li għandna nressqu talba lill-EcoGozo biex iħallsu l-fuljett printjat fuq karta riċiklata.

44.9.5 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna lill-Airmalta sabiex jagħtuna prezz tajjeb għall-flights lejn Bethlehem inkonnessjoni mal-miġja tal-maġi.

44.9.6 Sar qbil li l-ftuħ uffiċjali ta' Bethlehem għandu jsir fid-9 ta' Diċembru 2018 fit-3pm.

44.9.7 Is-Sindku rrefera għall-produzzjoni ta' kanzunetta dwar Bethlehem f'Għajnsielem u ser ikantawha kantanti minn Għajnsielem dakinhar tal-ftuh uffiċjali.

**44.10 Attivita' Jum it-Tifkira**

44.10.1 Bħala attivita' ta' Jum it-Tifkira ser issir nhar il-Hadd 11 ta' Novembru. Iċ-ċerimonja ser tkun tikkonsisti f'quddiesa fl-10am u wara tqegħid ta' kuruni u daqq ta' fanfarra quddiem il-monument tal-Gwerra. Sar qbil li għandna nagħmlu wirja ta' karozzi antiki.

**44.11 Stimi Tiżjin tal-Milied**

44.11.1 Sar qbil li għandna noħorġu l-istess stimi bħal tas-sena l-oħra.

44.11.2 Is-Sindku wera x-xewqa li jsiru dekorazzjonijiet uniformi maċ-ċentru tal-lokalita' biex jagħtu identita'. Huwa saħaq li dan jista jkun possibli anke bl-għajnuna tal-għaqdiet tal-lokal.

**44.12 Attivitajiet ambjentali marbutin mal-EWWR**

44.12.1 Is-Sindku spjega kif il-proposta li nixtru *tweed shredder* kellha tiġi eliminata peress li l-prezz tagħha kien madwar €10,000 . Sar qbil li minflok għandna nagħmlu attivita' ta' *recycling* permess tal-bottijiet tal-*aluminium*. Huwa propona li ssir struttura tal-ħadid li tiġi forma ta' siġra u nagħmlu weraq tal-ħadid mill-bottijiet tal-*aluminium* bl-iskop li nagħtu l-messaġġ li minn xi ħaġa mejta nistgħu noħolqu ħaga ħajja permezz tal-arti. Sar qbil li nistgħu wkoll nużawha bħala tiżjin tal-Milied.

**44.13 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

44.13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**44.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

44.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru fl-4:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**